**Suġġett**

Sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-14 ta' Novembru 2019, Referenza ECB-SSM-2019-AT-8, WHD-2019-0009, li permezz tagħha l-Bank Ċentrali Ewropew irtira, b'effett mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni, l-awtorizzazzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu ta' Anglo Austrian AAB Bank AG.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Id-digriet tal-20 ta' Novembru 2019, Anglo Austrian AAB Bank u Belegging Maatschappij "Far-East"/BCE (T-797/19 R, mhux ippubblikat, EU:T:2019:801), huwa annullat.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.

---

## Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Marzu 2020 – Junqueras i Vies vs Il-Parlament

**(Kawża T-24/20 R)**

***("Miżuri provviżorji – Dritt instituzzjonali – Membri tal-Parlament – Skadenza tal-mandat – Immunità parlamentari – Talba għal miżuri provviżorji – Inammissibbiltà parzjali – Nuqqas ta' fumus boni juris")***

(2020/C 137/82)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Oriol Junqueras i Vies (Sant Joan de Vilatorrada, Spanja) (rappreżentant: A. Van den Eynde, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: N. Lorenz u C. Burgos, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża b'mod partikolari, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Parlament, tat-13 ta' Jannar 2020, li tikkonstata l-post vakanti tas-siġġu tar-rikorrenti sa mit-3 ta' Jannar 2020, u għaċ-ċaħda tat-talba għal miżuri urġenti intiżi għall-protezzjoni tal-immunità parlamentari tiegħu ppreżentata fl-20 ta' Diċembru 2019.

**Dispożittiv**

1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.

2) L-ispejjeż huma rriżervati.

---

## Rikors ippreżentat fid-19 ta' Frar 2020 – Campine u Campine Recycling vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-94/20)**

(2020/C 137/83)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Campine (Beerse, il-Belġju), Campine Recycling (Beerse) (rappreżentanti: C. Verdonck, B. Gielen u Q. Silvestre, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tordna lill-Kummissjoni tħallas kumpens li jikkorrispondi għall-interessi moratorji biex tosserva s-sentenza Campine tal-Qorti Ġenerali [1] matul il-perijodu li jibda fid-data tal-pagament provviżjonali tal-multa minn Campine sal-11 ta' Diċembru 2019. Dawk l-interessi moratorji għandhom jiġu kkalkolati bir-rata li tikkorrispondi għar-rata ta' rifinanzjament flimkien ma' 3.5 punti perċentwali – jiġifieri li jammonta għal EUR 300 637,32 jew, alternattivament, b'rata ta' interessi li l-Qorti Ġenerali jidhrilha xierqa;

— tordna lill-Kummissjoni tħallas interessi moratorji fuq l-ammont f'(a), jiġifieri, fuq il-kumpens li jikkorrispondi għall-interessi moratorji fuq il-parti tal-multa li kienet annullata. Dawk l-interessi moratorji għandhom jiġu kkalkulati bir-rata li tikkorrispondi għar-rata ta' rifinanzjament flimkien ma' 3.5 punti perċentwali (ikkalkolati fuq il-kumpens ta' EUR 300 637,32 li jammonta għal EUR 28,83 kuljum) jew, alternattivament, b'rata ta' interessi li l-Qorti jidhrilha xierqa. Dawn l-interessi moratorji għandhom jiġu kkalkolati matul il-perijodu li jibda fid-data tal-ħlas lura mill-Kummissjoni tal-ammont prinċipali fil-11 ta' Diċembru 2019, jew alternattivament li jibda fid-data tal-għoti tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali f'dan il-każ, jew, alternattiva oħra, matul il-perijodu li jibda fid-data li l-Qorti Ġenerali jidhrilha xierqa;

— sussidjarjament, tannulla l-ittra tal-Kummissjoni tat-13 ta' Jannar 2020, jew alternattivament l-ittra elettronika tal-Kummissjoni tal-10 ta' Diċembru 2019, li fihom il-Kummissjoni rrifjutat tħallas l-interessi moratorji lir-rikorrenti wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-240/17, u tordna lill-Kummissjoni tħallas id-danni skont l-Artikolu 340 TFUE, jew alternattivament tadotta miżuri adegwati sabiex tiżgura konformità sħiħa mas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Novembru 2019 fid-dawl tal-ħtiġijiet tal-Artikolu 266(1) TFUE;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni jmissha tħallas kumpens skont l-Artikolu 266(2) TFUE u l-Artikolu 340 (2) TFUE. Ir-rikorrenti jissottomettu li wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali Campine, il-Kummissjoni kienet meħtieġa, skont l-Artikolu 266(1) TFUE kif interpretat mill-ġurisprudenza, bħala miżuri sabiex tiżgura konformità mas-sentenza, mhux biss biex terġa' tħallas l-ammont prinċipali tal-multa iżda wkoll biex tħallas interessi moratorji bħala kumpens b'rata standard għat-telf tal-użu ta' dak l-ammont matul il-perijodu ta' riferiment (jiġifieri, il-perijodu bejn il-ħlas provviżorju mir-rikorrenti u l-pagament mill-ġdid mill-Kummissjoni), u l-Kummissjoni ma gawdiet minn ebda diskrezzjoni f'dak ir-rigward. Minħabba l-effett retroattiv ta' deċiżjoni ta' annullament, il-Kummissjoni għandha tħallas kumpens li jikkorrispondi għall-interessi moratorji biex tikkonforma mas-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-kawża Campine.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni għandha tħallas interessi moratorji fuq il-kumpens li għandu jitħallas. Ir-rikorrenti qalu li l-prinċipju ta' *restitutio in integrum* jeħtieġ li l-Kummissjoni tħallas l-interessi moratorji fuq il-kumpens li jikkorrispondi għall-interessi moratorji fuq il-parti tal-multa li kienet annullata.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-ittra tal-Kummissjoni tat-13 ta' Jannar 2020, jew alternattivament l-ittra elettronika tal-Kummissjoni tal-10 ta' Diċembru 2019, li fihom il-Kummissjoni rrifjutat tħallas l-interessi moratorji, huma illegali u għalhekk għandhom jiġu annullati. Ir-rikorrenti jissottomettu li dawn l-atti huma illegali minħabba l-ksur tal-Artikoli 266(1) u 296(1) TFUE.

---

[1] Sentenza tas-7 ta' Novembru 2019, Campine u Campine Recycling vs Il-Kummissjoni, T-240/17 (ECLI:EU:T:2019:778).